MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2014

Talba Numru. 646/2013

**GO plc – C22334**

**vs**

**McDonald Suzanne Rosemarie**
**ID No-48069(A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, hamsa u sittin ewro u hamest centezmu (€1,065.05c) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40167292 moghtija mis-socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok.IZY-1 u Dok.IZY-2 – prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok.IZY-3 – estratt mir-Registru Elettorali, u Dok.IZY-4 – kopja ta' ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill- konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, hamsa u sittin ewro u hamest centezmi (€1,065.05c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuta.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------